Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 3040/1996/2

**Alfred Pace in nom u in rapprezentanza tal-Luxol St. Andrews Sport Club**

**Vs**

**Raymond Muscat, Joseph Farrugia personalment u b'nota tal-10 ta' Marzu 1998 il-Magistrat u Dr. Antonio Mizzi assuma l-atti minflok Joseph Farrugia bhala president ta' u in rapprezentanza tal-istess Assocjazzjoni, Frank Camilleri bhala president u segretarju u Alfred Spiteri bhala tezorir in nom u in rapprezentanza tal-Malta Basketball Association**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi

Illi il-Luxol St Andrews Sport Club Limited ghaddiet rizoluzzjoni sabiex din l-istess socjeta` tigi likwidata u fl-istess jum ghaddiet rizoluzzjoni ohra fejn ghaddiet l-assi, l-liabilities, d-drittijiet u l-obligazzjonijiet kollha taghha bhala socjeta` lil Luxol St. Andrews Sport Club;

Peress illi l-konvenut Raymond Muscat kien ffirma kuntratt (Dokument ‘AP1’) mal-Luxol St. Andrews Sports Club, bhala l-aventi kawza tal-Luxol St. Andrews Sports Club Limited, datat 14 t’Awissu 1993 fejn intrabat li jibqa registrat mal-istess Luxol St. Andrews Sport Club ghall-perjodu ta’ hames staguni u cioe mill-istagun 1994/1995 sal-istagun 1998/1999;

Peress illi l-istess konvenut Raymond Muscat ricentement applika u ottjena release minghand il-Malta Basketball Association sabiex ikun jista` jilghab il-basketball ma clubs ohrajn;

Peress illi dan kollu sar minghajr il-kunsens tal-Luxol St. Andrews Sport Club bi ksur flagranti tal-kuntratt fuq imsemmi da parti tal-konvenut Raymond Muscat;

Peress illi bhala rizultat tal-agir abusiv u llegali tieghu, l-konvenut Raymond Muscat ngieb f’posizzjoni li seta jirregistra lilu nnifsu ma kwalunkwe Club li jidhirlu hu minghajr ma lanqas biss jinforma lill-istess Luxol St Andrews Sports Club, wisq anqas jgib il-kunsens tal-istess club, kif fil-fatt ghamel u qed jaghmel b’rizultat li l-istess Club attur qed jitlef i-servizzi tieghu u konsegwentement jsoffri danni ingenti;

Peress illi dan l-agir tal-konvenut Raymond Muscat jikkostitwixxi ksur flagranti tal-kuntratt li ffirma l-istess konvenut Raymond Muscat u dana b’konsegwenza li l-istess Luxol St Andrews Sport Club qeghdin isoffru danni ingenti,

Peress illi, minbarra li l-Club attur tilef s-servizzi tal-istess player il-konvenut Raymond Muscat u dan wara li l-istess club kien fil-fatt hallas diversi somom ta' flus kif specifikat fil-kuntratt fuq imsemmi, kienet l-intenzjoni tal-Club attur li l-istess Raymond Muscat jibqa registrat maghhom ghal hames staguni kif specifikat hawn fuq;

U peress illi l-Assocazzjoni konvenuta, tramite il-President tal-istess Assocjazzjoni u minghajr ma dan ta' l-ahhar ma kkonsulta ruhu mal-Executive Council, abbusivament u illegalment fit-8 ta' Lulju 1996 approvat release lill-konvenut Raymond Muscat wara li hi kienet nfurmata bil-miktub li kien jezisti kuntratt formali bejn il-Club attur u l-player msemmi ghal hames staguni sal-istagun 1998/1999 (Dokument AP1)

U peress illi r-release tal-istess player, l-konvenut Raymond Muscat, sar kontra r-regolamenti tal-istess Assocjazzjoni tal-Basketball fejn skond Artikolu 10 tal-istatut tal-istess Assocjazzjoni 'It shall be solely in the hands of the Executive Council to decide on all technical matters dealing with Basketball', huwa illegali u in kwantu l-istess release sar mill-President personalment minghajr ma dan tal-ahhar ikkonsulta ruhu mal-Executive Council;

U peress illi bhala rizultat tar-release mahruga illegalment u abbuzivament mill-President tal-Assocjazzjoni konvenuta u minkejja l-ezistenza ta' kuntratt bejn l-istess Raymond Muscat u l-Club attur, l-istess Raymond Muscat bhalissa jinsab rregistrat mas-Siggiewi Basketball Club u dan bi ksur flagranti tal-kuntratt bejn l-istess Raymond Muscat u l-Club attur;

U peress illi bhala rizultat tal-agir illegali u abbuziv tal-Assocjazzjoni konvenuta, l-Club attur gie f'posizzjoni li ma setax jaghmel uzu mis-servizzi tal-player konvenut Raymond Muscat, kif ukoll sofra danni peress li dan il-player diga kien gie mhallas parti mill-ammont dovut lilu bhala rizultat tal-kuntratt msemmi.

Premess illi bhala rizultat tar-*release* il-*club* attur sofra u ghadu jsoffri danni ngenti.

Ghalhekk l-atturi talbu lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara w tiddecidi li d-decizjoni tal-President fir-rigward tar-*release* tal-*player* Raymond Muscat kienet wahda llegali u konsegwentement hija nulla u bla effett u konsegwentement tiddikjara w tiddeciedi li l-President personalment huwa responsabbli ghad-danni sofferti mill-*club* attur u tillikwida l-istess danni.

2. Konsegwentement tiddikjara lill-stess Assocjazzjoni responsabbli ghad-danni sofferti u li ghadhom jistghu jigu sofferti mill-*club* attur u tillikwida l-istess danni.

3 Tiddikjara li l-istess Raymond Muscat kiser il-kundizzjonijiet tal-kuntratt imsemmi (Dokument AP1) u konsegwetement tiddikjarah responsabbli ghad-danni sofferti u li jistghu jigu sofferti mill-*club* attur u tillikwida l-istess danni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Raymond Muscat a fol. 16 tal-process fejn teccepixxi:**

1. Preliminarjament illi m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-eccipjent u l-ghaqda attrici Luxol St Andrews Sports Club stante illi l-iskrittura tal-14 ta' Awissu 1993 saret bejn l-eccipjent u s-socjeta` Luxol St Andrews S.C. Limited li ghandha personalita` guridika separata u distinta mill-club attur u ghalhekk l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Preliminarjament u bla pregudizzju illi mhux minnu li l-obbligazzjonijiet u d-drittijiet naxxenti mill-imsemmija skrittura privata gew trasferiti f'isem il-club attur in kwantu ma saret l-ebda skrittura ta' cessjoni kif jitlob tassattivament l-artikolu 1470 tal-Kodici Civili u ghalhekk l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
3. Preliminarjament u bla pregudizzju illi d-drittijiet naxxenti mill-imsemmija skrittura huma drittijiet personali

u bhala tali ma humiex trasferibbli jekk mhux bil-kunsens esplicitu liema kunsens huwa mankanti u ghalhekk ukoll l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
4. Illi bla pregudizzju u fil-mertu il-ftehim de quo m'ghadux in vigore u dan ai termini ta' klawsola numru 3 tal-iskrittura stante illi l-eccipjent ma giex sottopost ghall-ezami mediku la qabel l-istagun 1995/1996 u lanqas qabel l-istagun 1994/1995 u ghalhekk fi kliem l-istess ftehim il-kuntratt gie rexxiss awtomatikament.
5. Illi skond klawsola numru 7 tal-istess ftehim "The contract will be subject to the normal Rules and Regulations of the MBA" liema regoli jipprovdu illi kwalunkwe ftehim bejn player u team huwa soggett ghall-possibilita` li l-Malta Basketball Association tista` tholl lil player minn ma' team sabiex jirregistra ruhu ma' club iehor kif fil-fatt sar fil-kaz odjern. Ghaldaqstant mhux minnu li l-eccipjent kiser il-kondizzjonijiet tal-kuntratt stante li r-release u t-trasferiment tieghu saru ai termini tar-regoli tal-Malta Basketball Association, regoli li fi kliem l-iskrittura de quo huma parti integrali mill-ftehim.
6. Illi una volta l-eccipjent agixxa ai termini tar-regoli tal-Malta Basketball Association u fit-termini tal-kuntratt de quo ma hu responsabbli ghall-ebda danni.
7. Illi fi kwalunkwe kaz qabel ir-release u t-transfer sussegwenti l-eccipjent kien ilu ix-xhur ma jircievi ir-remunerazzjoni mensili mifthema fl-iskrittura de quo u ghalhekk kienet is-socjeta` Luxol St Andrews S. C. Limited li kisret il-ftehim u mhux l-eccipjent.
8. Illi l-attur Alfred Pace irid jipprova li ghandu r-rapprezentanza guridika tal-club attur.

Salvi eccezzjonijiet ohra

**Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Malta Basketball Association a fol. 29 fejn ecepiet illi:**

Preliminarjament, illi din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni stante li skond l-istatut tal-Malta Basketball Association kull membru tal-assocjazzjoni ghandu qabel kollox jirrikorri ghall-arbitragg, u fin-nuqqas ta' dana jistghu jirrikorru ghall-azzjoni gudizzjarja biss wara li

jottjenu l-permess minghand il-president ta'  l-istess assocjazzjoni.

Preliminarjament ukoll, illi r-rapprezentanza tal Malta Basketball Association hija vestita fl-eccipjenti u t-Tezorier ma ghandux ir-rapprezentanza guridika tal-istess assocjazzjoni. Fi kwalunkwe kaz Alfred Spiteri m'ghadux Tezorier tal-Assocjazzjoni.

Sussidjarjament u minghjar pregudizzju ghall-premess, illi l-attur nomine ma ghandu ebda relazzjoni guridika mal-konvenut Raymond Musact u ghalhekk ma jistax jibbaza l-pretenzjoni tieghu fuq skrittura li ghaliha l-istess Raymond Muscat mhux parti.

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess fi kwalunkwe kaz il-kuntratt li fuqu l-attur nomine qed jibbaza l-pretenzjoni tieghu huwa res inter alia acta fil-konfront tal-eccipjenti nomine.

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi l-konvenut Raymond Muscat kellu dritt ghal free release u li jkun registrat ma club iehor.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota a fol. 28;

Rat in-nota a.fol 40 li biha c-citazzjoni giet ceduta fil-konfront ta' Joseph Farrugia personalment;

Rat in-nota a.fol 41 li biha c-citazzjoni giet ceduta fil-konfront ta Alfred Spiteri;

Rat l-atti kollha tal-kawza u tad-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti ta sottomissjoni pprezentati mill-avukat difensur ta' l-attur u tal-konvenut Raymond Muscat;

Rat is-sentenza preliminari datata 28 ta’ Jannar, 2002 li permezz taghha din il-Qorti cahdet l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenut Muscat u t-tielet u r-raba’ eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**Fatti**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi permezz ta’ ftehim datat 14 ta Awissu, 1993 Luxol St. Andrews S.C. Ltd u l-konvenut Raymond Musact ffirmaw ftehim esebit bhala dok a fol. 8 li permezz tieghu l-konvenut Raymond Muscat gie rregistrat bhala *player* ma Luxol St. Andrews S.C. Ltd ghal hames staguni ta’ *basketball* u cioe mill-istagun 1994/95 sal 1998/99.

Illi rrizulta mill-provi prodotti illi xi sentejn wara li dahal *in vigore* dan il-kuntratt il-konvenut talab li jinghata *free release* minghand il-Malta Basketball Association u effetivament dan ir-*ralease* inghatalu bil-konsegwenza illi, minkejja l-imsemmi ftehim, l-konvenut Muscat spicca jilghab ma *club* iehor tal-*basketball*.

**Kontestazzjoni**

Li hu kontestat huwa jekk effettivament Raymond Muscat setghax jirregistra ma club iehor tal-Basket Ball nonostante li kellu l-ftehim fuq indikat u minghajr il-qbil ta’ l-atturi, u jekk il-Malta Basketball Association setghetx tiddikjara l-*free release* ta’ Raymond Muscat u oltre dan tippermetti r-registrazzjoni tieghu ma *team* iehor.

**Tikkunsidra**

**Fil-konfront tal-konvenut Raymond Muscat**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta’ Luxol St. Andrews S.C. Ltd giet xolta xi zmien wara l-iffirmar ta dan il-ftehim u permezz ta’ rizoluzzjoni ta’ l-istess socjeta l-

assi, djun u drittijiet li kellha din is-socjeta' gew assenjati lill l-Luxol St. Andrews Sport Club li hija l-attur f'din il-kawza.

Il-konvenut Muscat qed jikkontesta li d-drittijiet li is-socjeta' Luxol St. Andrews S.C. Limited kellha naxxenti mill-ftehim li kellha ma Raymond Muscat setghux jigu assenjati lil Luxol St. Andrews Sports Club, mill-attur nomine odjern, minghajr il-kunsens u ad insaputa tal-konvenut Raymond Muscat kif jirrizulta li gara.

Il-konvenut fil-fatt fit-tielet eccezzjoni tieghu jghid illi d-drittijiet naxxenti mill iskrittura ffirmata minnnu huma drittijiet personali u bhala tali ma humiex trasferibbli jekk mhux bil-kunsens esplicitu tieghu liema kunsens huwa mankanti.

Il-Qorti taqbel li d-drittiijiet naxxenti mill-kuntratt mertu ta din il-kawza jirrigwardjaw is-servizzi ta' *player* tal-*basketball*. Tali obbligi u drittijiet huma ta' natura personali ghall-partijiet li dehru fuq il-kuntratt u hekk kif il-konvenut Raymond Muscat ma kellu ebda dritt illi jghaddi id-drittijiet u obbligazzjonijiet naxxenti mill-imsemmi kuntratt lil terzi minghajr il-qbil tas-socjeta Luxol St. Andrews S.C. Limited, l-istess din is-socjeta' ma setghetx tghaddi d-drittijiet u obbligazzjonijiet taghha lil terzi minghajr il-kunsens tal-konvenut Raymond Muscat.

Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma illi fil-mument illi saret tali assenjazzjoni minghjar il-qbil esplicitu tal-konvenut, kien hemm ksur tal-ftehim ezistenti bejn il-partijiet u invista ta tali ksur, il-konvenut gustament seta jikkonkludi illu huwa bl-ebda mod ma huwa marbut mas-socjeta attrici.

Illi ghalhekk it-tielet eccezzjoni tal-konvenut Muscat ghandha tigi milqugha u t-talbiet attrici fil-konfront tieghu jigu michuda.

**Fil-konfront tal-Malta Basketball Association**

Ghar-rigward tat-talbiet attrici fil-konfront tal- Malta Basketball Association, din il-Qorti hija tal-fehma illi dawn it-talbiet ma jistghux jigu milqugha.

Illi t-talbiet attrici huma bbazati fuq il-kuntratt iffirmat bejn Luxol St. Andrews S.C. Limited u l-konvenut Raymond Muscat. L-Assocjazzjoni tal-Basketball ta’ Malta ma kienitx parti fuq dan il-ftehim.

Illi l-attur nomine qed jikkontendi illi galadarba dan l-iskrittura kienet fil-pussess tal-Assoccjazzjoni allura hija kienet obbligata illi timxi mal-kundizzjonijiet stipulati fl-istess ftehim u ma tippermettix lill konvenut Raymond Muscat jibdel il-club tieghu.

Illi  jirrizulta illi f’xi zmien mhux determinat, dan il-ftehim kien ghadda ghand l-Assoccjazzjoni ssigillat gewwa *enevelope* u sussegwentament intilef u wara rega nstab. Pero’ meta gara dan, ma giex ipprecizat. Imkien mill-provi prodotti ma rrizulta  li meta l-Assocjazzjoni tat ir-release lill Raymond Muscat hija kienet giet intimata bl-esistenza ta’ dan il-kuntratt.

Imma anke kieku tali ftehim  ingab a konoxxenza tal-Assoscjazzjoni konvenuta, l-istess socjeta’ konvenuta Malta Basketball Association xorta wahda setghet tawtorizza t-trasferiment stante illi skond l-istess ftehim (klawsola 7) ‘*The contract will be subject to the normal rules and Regultaions of the MBA*’ u hareg car mill-provi prodotti illi dan il-*free release* awtorizzat mill-istess Assocjazzjoni kien fil-parametri tar-‘Rules and Regulations’ *in vigore* dak iz-zmien.

Illi fl-ahharnett l-atturi ma gabu ebda provi tad-danni li qed jikkontendu li sofrew minhabba l-agir tal-konvenuti.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi;
il-Qorti tiddeciedi billi
tilqa’ it-tielet eccezzjoni tal-konvenut Raymond Muscat,

tilqa' l-hames eccezzjoni tal-konvenuti Malta Basketball Association;
u tichad it-talbiet attrici fil-konfront taz-zewg konvenuti;
Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------